MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 168/2002/1

**Louis Camilleri**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti:

Preliminari:

B'rikors ippreżentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Frar, 2002 ir-rikorrent issottometta:

Illi nhar l-14 ta’ Diċembru, 2001 l-esponent ġie notifikat b’mandat ta’ qbid numru 38/2001 maħruġ mill-intimat fuq il-vettura tal-għamla BMW 528i, numru tar-reġistrazzjoni WN-UK 245, liema nota ta’ qbid kienet datata 23 ta’ Frar, 2000 konsegwenza tal-fatt li l-elevazzjoni saret fit-23 ta’ Frar, 2000; illi l-esponent ta avviż li hu kien bi ħsiebu jitlob lura l-vettura maqbuda bin-nota ta’ qbid numru 38/2001 permezz ta’ ittra mibgħutha minnu lill-istess Kontrollur tad-Dwana u li tagħha ngħata *acknowledgement* relattiv datat 11 ta’ Jannar, 2002; illi l-esponent jilmenta minn tali qbid għas-segwenti raġunijiet:

1) Illi preliminarjament il-qbid imsemmi ma sarx fit-termini tal-Artiklu 72(1) tal-Kapitlu 37, u dan peress illi meta sar il-qbid fit-23 ta’ Frar, 2000 l-uffiċjali li effettwa l-qbid ma tax dakinhar l-avviż bil-miktub, u ta r-raġuni tiegħu skont kif rikjest mill-imsemmi Artiklu.

2) Illi fit-tieni lok il-vettura msemmija kienet qed tinżamm taħt l-Awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana *stante* li fuqha ma tħallasx id-dazju relattiv, u meta din il-vettura nstaqet mill-esponent s’għand l-aġent tal-BMW din ittieħdet wara l-kunsens mogħti mill-istess intimat.

Illi in effetti l-fatti li taw lok għall-ħruġ tal-mandat imsemmi kien sempliċiment minħabba l-fatt li l-vettura kellha bżonn tiswijiet kawżati minn nuqqas ta’ użu, u tali tiswijiet kellhom isiru minn Muscat Motors li huma l-aġenti tal-BMW.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna li l-vettura BMW 528i, numru tar-reġistrazzjoni WN-UK 245, li nqabdet bin-nota tal-qbid numru 38/2000, tiġi meħlusa mill-effetti tal-mandat u tiġi rilaxxata favur l-esponent, u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni.

B’risposta tal-intimat Kontrollur tad-Dwana, ippreżentata fit-18 ta’ Frar, 2002, huwa eccepixxa:

Illi preliminarjament in-nuqqas ta’ notifika tal-Avukat Ġenerali bir-rikors promotur *ai termini* tal-Artiklu 181B(3) tal-Kapitlu 12.

Illi fil-mertu, in-nota ta’ qbid numru 38/2001 inħarġet regolarment u skont il-liġi, *stante* li l-vettura in kwistjoni kienet tinsab fit-toroq ta’ Malta bi ksur tal-permess temporanju tal-importazzjoni li permezz tiegħu kienet impurtata, u bi ksur tal-liġijiet tad-Dwana.

Illi barra minn hekk, irriżulta wkoll illi d-diversi trasferimenti tal-vettura li dehru fid-dokumenti ppreżentati lill-awtoritajiet Maltin u barranin, jew uħud minnhom, kienu foloz, u għalhekk kienet saret dikjarazzjoni falza lill-awtoritajiet doganali, fost oħrajn.

Illi nhar it-23 ta’ Frar, 2000 kienet il-Pulizija u mhux uffiċjali tad-Dwana li elevaw il-vettura mingħand ir-rikorrent, u dan sabiex jinvestigaw informazzjoni li daħlitilhom. Għalhekk ma jreġix l-argument tar-rikorrent li n-nota ta’ qbid kellha toħroġ dakinhar tal-elevazzjoni. In-nota ta’ qbid inħarġet meta fil-fatt kienu konklużi l-investigazzjonijiet u nħarġet mill-awtoritajiet doganali.

Illi l-Artiklu 72 tal-Kapitlu 37 ma jobbligax lill-Kontrollur tad-Dwana li jagħti n-nota ta’ qbid lil sid ta’ oġġett jew persuna oħra fil-ġurnata li l-oġġett ikun elevat, u dan minħabba li jista’ jkun il-każ li jkunu għadhom qed jibdew, jew ikunu għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet.

Illi *di piu’*, il-Kontrollur tad-Dwana qatt ma awtorizza lil ħadd biex ikisser is-siġill li din il-vettura kienet issiġillata bih.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrih.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-8 ta’ Ottubru, 2008 meta, wara li

laqghet it-tielet eccezzjoni tal-intimat, cahdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu u dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:
"Ikkunsidrat;

"Illi kif jidher lir-rikorrenti qed jitlob li tiġi rilaxxata favur tiegħu l-vettura msemmija fir-rikors promotur.

"Il-mod kif ġara l-inċident li ta lok għall-kawża jimmerita li jiġi spjegat. Il-vettura ġiet importata f'isem ċertu Carmine Galeotalanza li permezz ta' skrittura esebita fil-proċess ta' prokura lir-rikorrenti fir-rigward tal-vettura. Il-vettura kienet ser tiġi reġistrata f'isem ċertu Younis, Libjan li kien ghal kollox nieqes minn dawn il-proċeduri. Skont ir-rikorrenti huwa kien ser ibiegħ il-vettura lil dan Younis li pero' reġa' bdielu minħabba d-dazju li kien ser iħallas. Il-vettura għalhekk ġiet siġillata għand ir-rikorrenti. F'ċertu żmien dan ħtieġlu jieħu l-vettura għand l-aġenti tal-BMW għat-tiswija u talab li s-siġill jiġi mkisser. Billi l-uffiċċjali tad-dwana kienu mħabbtin awtorizzawh jagħmel dan hu stess. Jidher li din il-prassi kienet aċċettata minn dawn l-uffiċċjali. Meta l-vettura kienet għand l-aġent sar rapport lill-pulizija li l-vettura kienet inħarġet mill-Ġermanja mingħajr awtorizzazzjoni tas-sid li apparentement kienet għadha l-kumpanija BMW għaliex il-vettura kienet inkriet lil Galeotalanza. F'dan il-punt interveniet il-Pulizija li kkonfiskat il-vettura u eventwalment ħarġet l-ordni tal-intimat li qed tiġi attakkata permezz ta' din il-kawża. Il-konvenut ġie akkużat li rċieva oġġetti misruqa (il-vettura stess) iżda eventwalment ġie liberat mill-Qorti tal-Maġistrati.

"Qabel xejn il-Qorti trid tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat li dwarha *gia'* kellha okkażjoni li tikkummenta f'kawżi oħra. Huwa minnu li l-artiklu msemmi jgħid li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi notifikat b'kull azzjoni li ssir kontra l-Gvern. Madankollu dan sar bl-iskop ċar illi dipartiment tal-Gvern ma jaqax kontumaċi f'xi proċeduri minħabba xi dewmien biex l-att jasal għand l-Avukat Ġenerali. Ladarba dan ma sarx u l-intimat irrisponda debitament għar-rikors promotur, ma hemmx lok li kawża tiġi ddikjarata nulla minħabba dan in-nuqqas – ara s-

sentenza Joseph Galea vs Dipartiment tax-Xogħlijiet mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2003 minn din il-Qorti.

"L-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa li l-proċedura tal-qbid ma sarx fit-termini tal-Artiklu 72 (1) tal-Kapitlu 37 peress li meta sar il-qbid ma tax dakinhar l-avviż bil-miktub tar-raġuni tiegħu. Madankollu kif osservat din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Joseph Schembri vs Kontrollur tad-Dwana deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2001: "*L-istess artiklu* (72) *ma jispeċifikax meta dan l-avviż għandu jiġi notifikat lis-sid jew il-ħati. L-avviż imsemmi fl-Artiklu 72 ma hu xejn ħlief rekwiżit mil-liġi biex il-parti interessata tkun taf bil-qbid u b'hekk tkun tista' tieħu dawk il-passi kollha lilha permessi bil-liġi. Fil-każ in eżami jidher li f'xi ħin ir-rikorrenti ġie mgħarraf bis-seizure note u ħa l-passi skont il-liġi. Da parti tal-intimat ma tqajmet ebda eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni u għalhekk jidher li kollox ġie sanat bil-preżentata tar-rikors odjern.*" Dan japplika għal din il-kawża wkoll. Għandu jingħad ukoll li kif sewwa osserva l-intimat fir-risposta tiegħu, il-qbid oriġinarjament ma sarx mill-Kontrollur tad-Dwana iżda mill-Pulizija, u kien wara li l-kontrollur, fuq informazzjoni mogħtija lilu mill-istess pulizija, ħareġ in-nota' ta' qbid. Għalhekk dan l-aggravju tar-rikorrent ma jirriżultax.

"Rigward il-mertu tar-rikors, il-Qorti filwaqt li tħoss li ħafna mill-eċċezzjonijiet tal-intimat ma humiex fondati (per eżempju l-vettura nstaqet mingħajr permess meta jidher li kienu l-uffiċċjali tad-dwana stess li awtorizzaw lir-rikorrenti jaqta' s-siġill) jidhrilha li eċċezzjoni minnhom għandha fondament sod u *cioe'* li mid-dokumenti li ġew esebita jirriżulta li l-vettura kienet iddaħħlet Malta permezz ta' dikjarazzjoni falza u dan għaliex il-Qorti m'hijiex konvinta li r-rikorrenti importa l-vettura *in bona fede* biex ibiegħha iżda għamel dan biex idaħħalha Malta mingħajr ma jħallas dazju fuqha jew ma jħallasx dak li suppost kellu jħallas. Il-vettura per eżempju ma kinitx ta' Galeotalanza iżda mikrija lilu; ir-rikorrenti ma ressaqx prova li huwa kien il-proprjetarju tal-vettura, anzi kienet ser tiġi importata f'isem Younis li donnu sparixxa u qatt ma deher bħala xhud fil-kawża. Younis innifsu għamel prokura oħra f'isem ir-rikorrenti iżda ma ġiet esebita ebda skrittura *mir-rikorrenti*

li permezz tagħha r-rikorrenti effettivament akkwista l-vettura. Mill-banda l-oħra filwaqt li r-rikorrenti qatt ma ressaq provi fir-rigward tal-proprjeta' tal-vettura, l-intimat esebixxa lejn l-aħħar tal-proċeduri, dokumenti li nġabu minn barra li jindikaw li fil-fatt jeżisti dokument li rriżulta li kien falz skont il-pulizija Taljana li huwa skrittura ta' bejgħ bejn Galeotalanza u r-rikorrent. Ir-rikorrenti kellu wkoll fil-pussess tiegħu dokument li kopja tiegħu ġiet esebita li kellu ħafna dettalji vojta u li jindika li kien ser jiġi użat skont il-bżonn. Skont il-pulizija Taljana, in-Nutar li suppost awtentika l-iskritturi kien fil-fatt ilu ħafna żmien mejjet. Dwar dan ir-rikorrenti ma kellu ebda spjegazzjoni. Kollox ma' kollox għalhekk il-verżjoni li ta r-rikorrenti fir-rigward tal-ħsieb li kellu dwar il-vettura in kwistjoni ma humiex attendibbli u kollox jindika li l-ħsieb veru kien li ma jitħallasx id-dazju altrimenti dovut. Ġie wkoll ħafna drabi mtenni li l-konfiska hija proċedura *in rem* u bħala tali ġaldadarba l-merkanzija tkun daħlet Malta kontra l-Ordinanza tad-dwana l-intimat għandu s-setgħa li jikkonfiskaha (Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana deċiża fis-27 ta' Frar, 2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili).

"Għalhekk anke jekk kriminalment ir-rikorrenti ġie liberat mill-Qorti tal-Maġistrati, l-intimat kien ġustifikat li joħroġ in-nota ta' qbid fuq il-vettura għaliex kien hemm raġunijiet biżżejjed taħt is-subartikoli tal-Artikli 60 u 62 tal-Kapitlu 37 indikati fin-nota ta' qbid relattiva biex jagħmel dan. Hu magħruf li skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni ċivili u kriminali huma għal kollox indipendenti minn xulxin fir-rigward tal-ġudizzju tagħhom – Artiklu 6 tal-Kodiċi (ara wkoll s-sentenza fl-ismijiet Francis Xuereb vs Kontrollur tad-Dwana deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2005)."

'Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-intimat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjeż ikunu a kariku tar-rikorrent."

**L-appell tar-rikorrent.**

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fl-24 ta' Ottubru, 2008, talab

li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza msemmija u dan billi tilqa’ t-talba tal-appellant u tichad l-eccezzjonijiet tal-appellat u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Il-Kontrollur tad-Dwana pprezenta risposta ghar-rikors imsemmi fejn filwaqt li ddikjara li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma, talab li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija l-appell tar-rikorrent jigi michud u b’hekk is-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant.

**L-aggravji mressqa mir-rikorrent appellant.**

L-appellant ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe` li:

1) L-ewwel aggravju jghid li l-qbid ma sarx ai termini ta’ dak rikjest mill-Artikolu 72(1) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

2) Huwa kien qata’ s-sigill bil-permess tal-Kontrollur tad-Dwana u ghalhekk meta l-vettura kienet ghand l-agent tal-BMW kienet hemm bil-kunsens tal-istess Kontrollur tad-Dwana u ghalhekk il-vettura kienet ghadha taht l-awtorita` tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-ewwel aggravju:**

L-Artikolu 72(1) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi li “*Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-hati jew is-sid, ta’ oggetti suggetti ghal konfiska taht din l-Ordinanza, l-ufficjal li jaghmel il-qbid ghandu jaghti avviz bil-miktub ta’ dan il-qbid u tar-raguni tieghu lil sid l-oggetti maqbuda, jekk maghruf, sew billi jaghti dan l-avviz lilu personalment jew b’ittra registrata indirizzata lilu jew imhollija fil-lok maghruf bhala l-ahhar li fih kien joqghod jew li kellu negozju tieghu f’Malta.*”

L-ewwel Qorti ma accettatx dan l-ilment bhala raguni valida l-ghala l-qbid ghandu jigi revokat billi rriteniet li l-

Artikolu in kwistjoni ma jimponi ebda terminu ghan-notifika tal-avviz u li, fi kwalunkwe kaz, tali avviz ghandu biss l-iskop li qieghed lill-parti nteressata f'pozizzjoni li tibda l-proceduri kontemplati fl-Artikolu 73 tal-istess Kapitolu wara li jkun, entro tletin gurnata mid-data tal-Qbid, ta' avviz bil-miktub lill-Kontrollur tad-Dwana li hu jkun qed jitlob lura l-oggett maqbud.

Il-ligi timponi terminu ta' tletin gurnata mid-data tal-avviz fuq imsemmi ghall-istituzzjoni tal-proceduri mehtiega bil-konsegwenza li f'kaz li dawn jigu intavolati tardivament jistghu jigu dikjarati nulli.

L-ilment tar-rikorrent jorigina mill-fatt li ghalkemm fis-Seizure Note jirrizulta li l-vettura nqabdet fit-23 ta' Frar, 2000, tali qbid gie registrat fit-12 ta' Dicembru, 2001 u notifikat lir-rikorrent jumejn wara. Kif osserva l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, dan huwa zmien twil wisq biex issir in-notifika b'dan kollu, jerga' jigi ribadit li, ma hemm ebda terminu stabbilit ghan-notifika tas-Seizure Note meta l-oggett jinqabad mhux fil-prezenza tas-sid.

Inoltre jigi rilevat ukoll fir-rigward li, kif jirrizulta mill-atti processwali, l-vettura in kwistjoni ma kinitx inqabdet mill-intimat Kontrollur tad-Dwana fit-23 ta' Frar, 2000. Fir-realta` din il-vettura kienet inqabdet mill-Pulizija billi kellha informazzjoni li din il-vettura kienet misruqa u nharget mill-Germanija illegalment. Dan jidher mid-dikjarazzjoni maghmula mill-istess Spettur Vassallo lis-Service Manager ta' Muscat Motors Ltd Anthony Bugeja (Dok. TB fol. 67) kif ukoll mir-rapport intern (Dok. LMZ1 a fol. 80 tal-process) tal-Ispettur Paul Vassallo tal-Mobile Squad sezzjoni Stolen Vehicles lis-Supretendent Pierre Calleja tas-CID li jgib id-data 28 ta' Settembru, 2001 u li jirrakkonta l-investigazzjonijiet li kienu saru mill-pulizija dwar din il-karozza. *In calce* ta' dan id-dokument jinghad hekk: "*It is therefore suggested that a copy of this report is passed to the Fraud Section of the Customs Dept. so that they can issue any charges resulting from this affair. Referred for information and for further reference to the Comptroller of Customs, please.*" Infatti jirrizulta mix-xhieda ta' Lawrence Montesin, addett mat-taqsima tal-

Frodi fid-Dwana, li huwa rcieva dan ir-rapport fit-28 ta' Settembru, 2001 u kien hemm li ha l-karti lis-superjur tieghu u wara harget is-Seizure Note. Jidher ghalhekk li bejn id-data li d-Dwana gew infurmati bil-Qbid li kienu effettwaw il-Pulizija u meta tali Qbid da parti tad-Dwana gie registrat fis-Seizure Jornal Entry u cioe` fit-12 ta' Dicembru, 2001 ma tantx kien ghadda zmien, kif qed jilmenta l-appellant, apparti l-fatt li l-vettura dakinhar ma gietx elevata mill-intimat billi kienet gia` tinsab fil-pussess tal-pulizija u mizmuma fil-*compound* ta' St. Andrews u l-elevazzjoni a tenur tal-Kap. 37 kienet biss wahda teknika. Dan stabbilit din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li, anke kieku kien hemm xi dewmien fin-notifika tal-avviz da parti tad-Dipartiment tad-Dwana dan in-nuqqas gie sanat (anke ghal dak li hu validita` tar-rikors promotur) meta ma nghatat ebda eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors u l-proceduri baqghu mixjin normali. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi dikjarat mhux gustifikat u ghalhekk michud.

**Ikkunsidrat:**

Bit-tieni aggravju tieghu r-rikorrent appellant donnu qieghed jargumenta li gialadarba huwa kien nghata l-permess biex jaqta' s-sigilli u jiehu l-vettura ghat-tiswija ghand Muscat's Garage, dik l-istess vettura, ghal finijiet u effetti kollha tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta kienet ghadha taht il-kontroll tal-istess Kontrollur tad-Dwana b'osservanza tal-kondizzjonijiet tat-Temporary Importation Licence u kwindi ma kinitx soggetta ghall-qbid. Jigi pero` hawn osservat li minghand Muscat's Garage, il-vettura in kwistjoni ma gietx elevata mill-Kontrollur tad-Dwana, izda mill-Pulizija u ghalhekk dan l-argument ma jregix. Kienu l-Pulizija li elevaw il-vettura u dan in konnessjoni ma' rapport ta' serqa tal-istess vettura mill-Germanja. Apparti dan ma hemm ebda prova li fl-okkazzjoni li l-vettura ittiehdet il-garaxx ta' Muscat Motors lir-rikorrent kien inghata l-permess li jikser is-sigilli, f'liema kaz ma kienx ikun "*in breach*" tal-kondizzjonijiet imposti fil-licenzja ta' importazzjoni. Izda din il-Qorti tosserva li meta l-vettura giet elevata mill-Pulizija u sussegwentement mill-intimat, il-permess biex tibqa' Malta kien ilu li skada billi l-ahhar *extension* kienet inghatat sat-30 ta' Settembru, 1998 (ara

xiehda ta' Anthony Gouder – Kontrollur tad-Dwana a fol. 92 tal-process) u b'hekk awtomatikament il-karozza kienet suggetta ghall-qbid. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat u qed jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tar-rikorrent Louis Camilleri qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-istess rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------